# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 293/2015**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Caruana**

iben Carmel, imwieled Pieta', fil-5 ta' Settembru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 260462(M)

Illum, 10 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Lulju, 2013 sa Novembru, 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li taghti lil Maria Rita Calleja u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Caruana pprezentat fl-1 ta’ Gunju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata ta’ l-25 ta’Mejju, 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat l-aggravju tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-sedut tal-10 ta' Novembru, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Joseph Caruana fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.